MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Numru. 941/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**

**KONTRA**

**Binaoud Ahmed ta' 52 sena, bin Ahmed u Sara nee' Benaiedi, imwieled l-Algeria nhar it-3 ta' Awwissu, 1955, residenti fil-fond numru 71, Triq il-Kbira, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 152398M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Binaoud Ahmed li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta' Gunju, 2003 u fi zminijiet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' ingenji u oggetti ohra mill-fond garaxx gewwa z-Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm1,000.00 (elf lira maltin) u li sehh ghad-dannu ta' Nazzareno Balzan min Lija, liema

serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm1,000.00 (elf lira maltin) u tali serq gie kommess bil-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 261, 268, 297(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwista b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-istess akkuzi;

Rat l-Artikoli migjuba mill-Avukat Generali, taht liema tista’ tinstab htija fil-konfront ta’ l-akkuzat, u cioe’:
L-Artikolu 261(c)(d), 267, 268, 297(b), 281, 334, 20, 22, 23, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi senjalament rat il-kwerela mibghuta minn Dr Edward Gatt a folio 19 li kjarament titkellem fuq allegat misapproprijazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi Nazzareno Balzan xehed li fi zmien li kien inharaqlu l-garaxx huwa kellu l-akkuzat jahdem mieghu. L-istess akkuzat kien jghinu flimkien ma’ certu Joseph Attard u jgorru l-oggetti mhux mahruqa mill-garaxx ta’ Balzan, ghal go garaxx ta’ certu Joseph Attard. Ghalhekk, l-akkuzat ghen lil dan Attard u impjegati ohra jiehdu l-ghodda mhux mahruqa *for safe keeping* gol-garaxx ta’ Joseph Attard. Jghid dan ix-xhud li sa tminn xhur wara u kien gie avvicinat minn certu Carmelo Dimech li kien infurmah li kellu xi affarijiet tieghu. Kien qallhom li fil-fatt kien hadhom ghandu Michael, hekk hu maghruf maghhom l-akkuzat. Jghid ukoll ix-xhud Balzan lli sa dan il-perjodu Michael, l-akkuzat ma kienx ghadu jahdem mieghu. Fil-fatt dan ix-xhud kien anki mar jara dak li qed jghid li huwa hwejgu ghand dan Dimech. Hawn idahhlu l-pulizija fin-nofs fuq

parir ta’ l-avukat ta’ Dimech. F’dan iz-zmien Michael kien qieghed jahdem ma’ dan Carmelo Dimech, cioe’ meta dan Michael ha dawn l-oggetti ghand Dimech.

Mill-oggetti li Nazzareno ra ghand Dimech jghid li barra ghal *video camera* kollox kien tieghu. Jghid fil-fatt dwar l-affarijiet li ra ghand Dimech li dawn kienu parti mill-oggetti li garr minghandu Joseph Attard.

Dwar il-lista DOK EC 3, EC 4, u EC 5, jghid li dan kien uriehulu Dimech ghaliex bejn Dimech u Michael kienet ser issir tpacija bl-oggetti ta’ Balzan ghal flus li Michael kellu jaghti lil Dimech. Balzan accetta li hu kien ta xi oggetti min jheddu lil Michael meta dan kien avzah li kien ha xi *brushes* mahruqa. Nazzareno Balzan kien kategoriku fix-xhieda tieghu li l-oggetti li hargu mill-garaxx wara l-hruq kellhom ikunu mahzuna ghand Joseph Attard.

Carmel Dimech minn naha tieghu kkonferma illi kien Michael – l-akkuzat, li kien hadlu l-oggetti kwistjoni ta’ din il-kawza. Kien qallu biex izommhomlu ghax Balzan kellu jaghtih Lm1,300.00 (elf u tlitt mitt lira maltin). Dimech qallu biex ihalluhom gol-*container*. Jghid Dimech illi hu kien silef Lm1,300.00 (elf u tlitt mitt lira maltin) lil Michael, pero dawn qatt ma tahomlu lura. Meta Dimech fetah kawza lil Michael ghall-flus, dan Michael fetahlu kawza lura ghax allega li kellu jaghtih Lm920.00 (disa’ mija u ghoxrin lira Maltin) ta’ l-affarijiet li kien qed jahzinlu. Dimech fil-fatt baqa’ nsistenti li dawn l-oggetti li Michael kien halla ghandu ma kinux tieghu.

Minn naha tieghu fl-istqarrija Bindaoud Ahmed qal li hu fil-fatt ma keinx ha ghodda ta’ Ronnie Balzan, pero kien qed inaddaf ghal rasu u kien ha l-affarijiet li kienu tajbin. Jghid li dawn l-affarijiet kien hadhom ghand Karmenu Dimech. Allega li Balzan kien qieghed jakkuzah li kien hadlu l-affarijiet mahruqa Guzeppi taz-Zejtun (Attard).

Jinsisti fl-istqarrija li dawk l-affarijiet kollha li kien ha ghand Guzeppi, kienu baqghu ghand dan. Qal li ma kienx jaf dwar xi affarijiet li kienu ghand Guzeppi u li mbaghad u ha ghand Dimech. Muri fil-fatt lista ta’ oggetti li kienu ghand

Dimech, wiegeb li dawn qatt ma kienu ghand Guzeppi. Jghid anzi l-akkuzat li hafna mill-oggetti fil-lista kienu tieghu, cioe' l-*fax*, il-*video camera*, ic-*charges*. Ghalkemm jammetti li ha dawn l-oggetti ghand Dimech, jinnega li hu qatt hadhom minghand Guzeppi. Innega li hu kellu jiehu Lm1,300.00 (elf u tlitt mitt lira Maltin) minghand Ronnie Balzan u ghalhekk kien hadlu dawn l-oggetti biex ibeghhomlu. Dwar il-lista bil-prezzijiet, ghalkemm ammetta li ghamilha hu, jghid li din ghamilha ghaliex Dimech harrku ghall-ammont ta' Lm1,000.00 (elf lira maltin), u ghamel il-prezzijiet biex ikun jista' johodhom minghand Dimech stess. Pero innega li hu pprezza dawn l-affarijiet biex ikun jista' jhallas lil Dimech bihom. Dan gie nnegat minnu, anzi jghid li ried jaghtih Lm500.00 (hames mitt Lira maltin).

Viva voce jghid li Ronnie Buhagiar wara li nharaqlu l-garaxx kien jghidlu biex inaddaflu l-garaxx. Jghid l-akkuzat li peress li Balzan kien qallu biex jarmi kollox allura hu la kien ha jarma ta' *mechanic* kien ha l-affarijiet li kienu ghadhom fi stat tajjeb. Jghid li fil-fatt Balzan kien qallu biex jarmiehom, jarmi kollox (fol 110).

Jghid ukoll u ezebixxa ricevuti taghhom li certi affarijiet li gie akkuzat li seraq fil-fatt kienu tieghu, ghalhekk ezebixxa diversi ricevuti ta' charger, welding set, fax (DOK BA, BA1, BA2).

Ikkunsidrat:

Illi certament minn dak li xehed Balzan, l-akkuzat qatt ma seta' seraqlu l-affarijiet mill-garaxx tieghu, ghax l-oggetti hargu mill-garaxx ta' Balzan bil-kunsens tieghu. Bil-kunsens tieghu marru ghand Joseph Attard. Misteru tal-misteri xi ftit minn dawn l-oggetti spiccaw ghand Dimech ghax hemm hadhom l-akkuzat. Joseph Attard ma ngabx jixhed dwar dan. Baqa' nsistenti dwar dan l-akkuzat li hu ma kien seraq xejn, anzi, kien biss ghamel dak li qallu Balzan jiehu li jrid meta kien qieghed inaddaf il-garaxx mahruq. Jidher li hemm ukoll certu dubju dwar il-propjeta' ta' certi oggetti li taghhom jew ahjar ta' oggetti simili taghhom huwa ezebixxa ricevuti.

Fil-fatt din il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni ma waslitx sa dak il-grad li trid il-Ligi biex verament tipprova dak minnha allegat – frankament xejn ma jaghmel sens li Balzan dam sentejn biex ifittex hwejgu, anzi li kellu jkun Dimech li wara certu ammont ta' zmien javzah li ghandu hwejgu fil-proprjeta' tieghu, oltre dan l-oggetti li kellu ghandu Attard ta' Balzan, hargu minghand Balzan bil-kunsens tieghu (ghalhekk misapproprijazzjoni) m'hemmx prova ta' spostament ta' l-oggetti u liema oggetti minghand Attard ghal ghand Dimech.
Ghaldaqstant qieghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------